XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 409*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 37*
*L-Erbgħa 26 ta'Mejju, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.00pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 408 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

## 1. Festa San Ġwann Battista 2010

*Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġu diskussi l-attivitajiet konnessi mal-Festa ta' San Ġwann Battista u anke dwar il-problema tal-kiosks li jarmaw fi żmien il-festa.*

i. Il-Kunsillier Hubert Saliba informa lill-Kunsill dwar f'hiex ser ikun jikkonsisti r-rigal ta' tifkira li se jingħata fl-okkażżjoni tad-defile taż-żwiemel. Il-Kunsill qabel li l-miżata biex jinkitbu ż-żwiemel għat-tberik għandha tkun ta' €2.

ii. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita li l-Kumitat tan-Nar ippropona li tiġi organizzata is-Sibt ta' qabel il-festa. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw din l-attivita bl-għajnuna tal-Kumitat tan-Nar. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu ħsieb li nġibu PA system li l-ispiża tagħha ma taqbiżx €300. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Gwardjani Lokali u l-Pulizija li jkolna bżonn għall-ordni ta' traffiku u biex tingħalaq il-pjazza waqt l-attivita, nordnawhom aħna wkoll. Il-Kumitat tan-Nar se jiġu nfurmati dwar dan u b'hekk minn naħa tagħhom jieħdu ħsieb jagħmlu x-xogħlijiet l-oħra kollha meħtieġa. Huma se jiġu nfurmati wkoll sabiex l-avviżi kollha li jsiru dwar din l-attivita jkunu jindikaw li din l-attivita qed tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

iii. Kiosks li jarmaw fi żmien il-festa:- Il-Kunsill kien irċieva emails u ittra/petizzjoni minn residenti ta' Triq Arc. Ciantar (wara l-Knisja) dwar il-kiosks li jarmaw fl-istess triq. Il-Kunsill kemm 'l darba iddiskuta dwar din il-problema u anke ġew ikkuntattjati membri tal-Kumitat tal-Armar sabiex naraw il-possibilta' li uħud mill-kiosks jibdew jarmaw fi

Triq San Bert kif kien isir xi snin ilu. Il-membri tal-Kumitat tal-Armar infurmaw lill-Kunsill biex jekk jitħallew kiosks jarmaw fi Triq San Bert, dawn għandhom jitpoġġew kemm jista' jkun l-bogħod mill-bandalori u b'hekk ma ssirilhomx ħsara. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar x'għandha tkun l-aħjar soluzzjoni.

Il-Kunsill qabel li t-trakkijiet (kiosks) li kienu jarmaw fi Triq Arc. Ciantar in-naħa tar-residenti, jibdew jarmaw fi Triq San Bert fin-nofs tat-triq u b'hekk ma jkunu fuq l-ebda naħa tar-residenti. Il-kiosks l-oħra li kienu jarmaw fi Triq Arċ. Ciantar in-naħa tal-knisja jibqgħu jarmaw fl-istess post.

Il-Kunsill qabel ukoll li nżidu aktar kundizzjonijiet lill-bejjiegħa kollha. Dawn huma l-kundizzjonijiet li għandhom isiru ma' kull permess:- l-applikanti m'għandhomx jipparkjaw vetturi oħra apparti l-kiosk, fit-toroq kollha allokati għall-Kiosks inkluż Triq San Pawl; kull applikant għandu jarma biss fl-area immarkata mill-Kunsill; kull applikant għandu jkollu tal-inqas żewġ litter bins u jżomm l-area tiegħu u madwar nadifa kemm waqt l-attivita tal-festa u kif ukoll x'ħin tispiċċa; l-applikanti ta' Triq Arċ. Ciantar, is-Sibt tal-festa ma jistgħux jarmaw qabel tintemm it-translazzjoni; malli tintemm l-attivita tal-festa ta' kull ġurnata, kull applikant għandu jneħħi l-kiosk tiegħu u jnaddaf l-area fejn kien hemm l-istess kiosk u madwar.

Il-Laqgħa spiċċat fl-9.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |